MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2021

Appell Inferjuri Numru 8/2021 LM

**Virginia Isabel Gonzalez Ruiz**
**(Detentriċi tal-Passaport tal-Venezuela Numru 146096668)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**1. L-Aġenzija Identity Malta (Central Visa Unit); 2. Il-Bord tal-Appell dwar l-Imigrazzjoni (Diviżjoni II); 3. L-Avukat tal-Istat**
*('l-appellati')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-appellanta **Virginia Isabel Gonzalez Ruiz (Detentriċi tal-Passaport tal-Venezuela Numru 146096668)** [minn issa 'l quddiem "l-appellanta"] fil-konfront tal-Aġen**zija Identity Malta (Central Visa**

**Unit), il-Bord tal-Appell dwar l-Imigrazzjoni (Diviżjoni II)** u **l-Avukat tal-Istat**, [minn issa ʼl quddiem ‘l-appellati’], mid-deċiżjoni tal-25 ta’ Jannar, 2021, numru IAB/VISA/143/20 [minn issa ʼl quddiem ‘id-deċiżjoni appellata’] mogħtija mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa ʼl quddiem ‘il-Bord’], li permezz tagħha ddeċieda li jiċħad l-appell tagħha fil-konfront tal-**Aġenzija Identity Malta (Central Visa Unit)** [minn issa ʼl quddiem ‘l-Aġenzija appellata’], u dan għar-raġunijiet hemm imfissra.

## Fatti

2. Il-fatti tal-appell odjern jirrigwardaw l-applikazzjoni li l-appellanta ppreżentat lid-Dipartiment appellat fl-4 ta’ Marzu, 2020 sabiex tingħata *National D Visa for 110 days with multiple entries,* liema applikazzjoni ġiet miċħuda fil-25 ta’ Marzu, 2020, fejn ir-raġuni li ngħatat lilha kienet li l-informazzjoni li hija ppreżentat fir-rigward tal-ġustifikazzjoni tal-mawra tagħha hawn Malta ma kinitx ta’ min joqgħod fuqha.

## Mertu

3. L-appellanti istitwiet proċeduri ta’ appell quddiem il-Bord fit-8 ta’ Mejju, 2020, fejn filwaqt li ppremettiet li hija kienet ġiet hawn Malta sabiex issegwi kors fit-taħriġ tal-ilsien Ingliż mal-iskola *Inlingua School of Languages* u li kienet applikat għall-ħruġ ta’ *“long term student visa”,* l-applikazzjoni tagħha kienet ġiet miċħuda mis-Central Visa Unit appellat u għalhekk kienet qiegħda titlob lill-Bord sabiex jirrevoka d-deċiżjoni ta’ dan tal-aħħar.

4. Is-Central Visa Unit appellat wieġeb fid-29 ta' April, 2020 fejn issottometta li fid-dawl tal-fatt li l-appellanta kienet iddikjarat li hija ma kinitx ċerta jekk terġax lura lejn pajjiżha, jiġifieri l-Venezuela, ma setgħetx tiġi stabbilita r-raġuni għaliex hija riedet toqgħod hawn Malta.

## Id-deċiżjoni appellata

5. Il-Bord caħad l-appell għar-raġunijiet li huwa fisser kif ġej:

*"**Submissions filed, evidence produced and considerations***

*The Central Visa Unit (CVU) stated:*

*- That the appellant was a national of Venezuela who had applied for a visa in order to study in Malta;*

*- That the intended dates of travel were between 6th March and 23rd June 2020;*

*- That the appellant was being sponsored by her sister, who was also Venezuelan but who was married to a national of a Member State;*

*- That the appellant had* "left her job" *before entering the territory of the Member States; and*

*- That she had not decided whether she wanted to return to Venezuela or not given that the situation there was getting worse.*

*The Board observed that the appellant intended to study in Malta and that the CVU raised no objections relative to her planned studies. It is clear that the CVU was rather alarmed when the appellant stated that she did not know whether she would return to Venezuela or not.*

*The CVU stated that it could not ascertain the real reason behind the appellant's stay in Malta. The Board disagrees. As the CVU did not question the appellant's planned studies, it is clear that the appellant intends to study. However, given the well-known state of turmoil in Venezuela, it is quite understandable for someone as youthful as the appellant to be rather hesitant about returing to Venezuela.*

*The Board observed that although the CVU did not question the appellant's planned studies, it is clear that the course, which according to the appellan'ts appeal was due to end on 3rd October 2020, has ended.*

*As the course has ended, the Board sees no reason to accept the appeal.*

*<u>Decision</u>*

*Therefore, after having read the relative submissions as well as after having seen the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta and of Regulation 810/2009/EC, the Board rejects the appeal.*

*The Board directs that this decision be served on the parties without delay."*

## <u>L-Appell</u>

6. L-appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha minn din id-deċiżjoni fl-4 ta' Frar, 2021, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex:

*"...tilqa' l-aggravji tal-Appellanta u tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Imigrazzjoni appellata fil-konfront tal-Appellanta datata 25 ta' Jannar 2021 u tordna lill-istess Bord jikkunsidra mill-ġdid it-talbiet tal-Appellanta u jipprovdi alternattivi biex tiġi salvagwardjata l-posizzjoni legali tal-Appellanta b'mod retroattiv u biex tkun tista' titħalla tapplika għal permess ta' residenza ġewwa Malta.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati"*

L-appellanta tressaq is-segwenti aggravji: (i) il-Bord ma ħax inkonsiderazzjoni l-fatt li hija kienet imċaħħda inġustament minn *visa* biex tkompli l-istudji tagħha; (ii) id-deċiżjoni tal-Bord ittieħdet wara li kien intemm il-kors tal-istudju tagħha; (iii) il-Bord ma kkonsidrax il-pożizzjoni tagħha u ma pprovdiex għal rimedju għas-sitwazzjoni legali li sabet ruħha fiha hi intortament.

**Ir-Risposta tal-Appell**

7. L-appellati wieġbu fit-12 ta' Frar, 2021 fejn fl-ewwel lok irrilevaw li l-Bord ma kienx il-leġittimu kontradittur u l-istess l-Avukat tal-Istat. Dwar il-mertu, l-appellati filwaqt li jispjegaw ir-raġunijiet tagħhom, jissottomettu li l-aggravji mhux mistħoqqa u l-appell għandu jiġi miċħud.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Qabel ma tikkonsidra l-aggravji fil-mertu mressqa mill-appellanti, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tqis jekk l-appellat il-Bord u l-appellat l-Avukat tal-Istat għandhomx jitqiesu bħala leġittimi kontradittturi. Il-Qorti mill-ewwel tagħraf li kif ġiet istitwita u mressqa l-azzjoni tal-appellanta, dawn l-appellati ma jistgħux jitqiesu li jagħmlu parti mill-proċeduri odjerni. Tikkonsidra li l-Bord huwa proprju t-tribunal li quddiemu l-appellanta ressqet l-appell tagħha mid-deċiżjoni tal-Aġenzija appellata u li ddeċieda l-istess appell. Il-Bord qatt ma kien parti mill-proċeduri odjerni u huwa kien proprju dak li kien qed jippresedihom u jiddeċiedihom, u għaldaqstant l-appellanta ma setgħet qatt tressaq l-appell tagħha fil-konfront tal-Bord, iżda setgħet biss tirrikorri quddiem din il-Qorti bħala qorti ta' reviżjoni sabiex tissindika d-deċiżjoni appellata kif mogħtija fil-konfront tal-intimat jew intimati. Tirrileva li ma jistax ikun mod ieħor għaliex d-deċiżjoni finali ta' din il-Qorti qatt ma tista' torbot lill-Bord bħala parti, iżda biss bħala ġudikant. Għal dak li jirrigwarda l-Avukat tal-Istat, din il-Qorti fl-ewwel lok tosserva li dan qatt ma kien jagħmel parti mill-proċeduri odjerni, tenut kont ta' dak li jipprovdi s-subartikolu 181B(2) tal-Kap.

12, li dan għandu jiġi mħarrek biss fejn l-azzjoni ma tistax issir kontra kap jew kapijiet ta' dipartiment jew dipartimenti tal-Gvern. Fil-każ odjern, l-appellanta saħansitra intavolat il-proċeduri tagħha kontra l-Aġenzija appellata, li skont is-subartikolu 27(1) tal-Kap. 595 hija korp ġuridiku vestit b'personalità legali u distinta, u għalhekk lanqas ma tista' titqies bħala dipartiment tal-Gvern.

9. L-ewwel aggravju tal-appellanta huwa li l-Bord filwaqt li osserva li hija kienet ġiet imċaħħda inġustament minn *visa* sabiex tkompli bl-istudji tagħha hawn Malta, ċaħad l-appell tagħha għaliex ġaladarba l-kors tal-istudju kien spiċċa, ma kienx hemm aktar lok għall-ħruġ tal-*visa.* B'hekk hija ġiet ippreġudikata b'mod li tinsab hawn Malta u hija ma setgħetx tissottometti kwalunkwe tip ta' applikazzjoni għal permess biex tibqa' hawn Malta u kienet saħansitra ġiet infurmatha mill-Aġenzija appellata stess ftit jiem wara li ngħatat d-deċiżjoni appellata, li hija ma setgħetx tippreżenta applikazzjoni sabiex taħdem hawn Malta, kif fil-fatt kienet għamlet, ġaladarba kienet hawn b'mod illegali. Bl-istess mod tgħid li hija kienet ser tkun imċaħħda milli tapplika għal *visa.* Tirrileva li d-dewmien tal-Bord sabiex jasal għad-deċiżjoni appellata, fisser li sadanittant il-kors tal-istudju tagħha kien wasal fi tmiem, u hawn hija tilmenta li nkiser id-dritt tagħha għal smigħ xieraq kif protett mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali. It-tielet aggravju tal-appellanta huwa li l-Bord ma kkonsidrax il-pożizzjoni tagħha u ma pprovdiex għal rimedju għas-sitwazzjoni legali li hija kienet sabet ruħha fiha intortament. Tissottometti li kien għalkollox irrilevanti għall-għoti tal-*visa,* l-oġġezzjoni min-naħa tal-Aġenzija appellata msejsa fuq il-fatt li hija ma kinitx

daqstant ħerqana li terġa' lura lejn il-pajjiż tagħha hekk kif tispiċċa l-istudji tagħha, għaliex id-dokumentazzjoni li hija ppreżentat kienet waħda sodisfaċenti u saħansitra l-Bord kien sodisfatt li hija kellha r-rekwiżiti kollha sabiex tingħata *student visa* sakemm ittemm l-istudji tagħha. Minkejja dan, il-Bord naqas milli joffri soluzzjoni alternattiva sabiex jissalvagwardja l-pożizzjoni legali tal-appellanta. In sostenn tal-argumenti miġjuba minnha, l-appellanta tagħmel riferiment għal żewġ deċiżjonijiet tal-Bord u li kopja tagħhom esebiet mar-rikors tal-appell tagħha.[1]

10. L-appellati jilqgħu billi jissottomettu fir-rigward tal-ewwel aggravju tal-appellanta, li din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa kostituzzjonali sabiex tagħti dikjarazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-appellanta. Minn hawn huma jgħaddu sabiex jagħmlu diversi sottomissjonijiet ulterjuri in sostenn tal-argument tagħhom. Dwar il-mertu tal-ewwel aggravju, huma jissottomettu li l-kors tal-istudju tal-appellanta kien intemm meta ngħatat id-deċiżjoni appellata, u għalhekk il-Bord ma setax jiddeċiedi li hija kellha tingħata *student visa* jew estensjoni tagħha. Iżidu jgħidu li wara kollox *student visa* ma tingħatax sabiex l-applikant ikun f'qagħda li japplika għal *single permit* jew *work permit.* Jirrilevaw li t-talba tal-appellanta ma kinitx ġiet milqugħa għaliex l-appellanta kienet tenuta tapplika għal *student visa* qabel il-bidu tal-kors tal-istudju, li kien iwassal oltre mit-terminu ta' tliet xhur permess mill-eżenzjoni ta' dħul ta' persuna mis-*Schengen Area.* Iżda hija fil-fatt applikat wara li kien beda l-kors u hekk kif kienu ser jiskadu dawk it-tliet xhur. Dan filwaqt li hija kienet ħallset għall-istudji tagħha u anki għall-akkomodazzjoni sat-3 ta'

[1] Hellayra Christyanne Aguirre Vega *vs.* The Central Visa Unit, 14.10.2020, u Monica Espinosa Jimenez *vs.* The Central Visa Unit, 06.11.2018.

Ottubru, 2020, qabel ma kellha l-permess relattiv, u jissottomettu li l-informazzjoni mogħtija b'dan il-mod ma setgħetx tiġi meqjusa bħala affidabbli. Ikomplu jgħidu li l-fatt li l-appellanta kienet sabet impjieg kien irrilevanti, u ma kienx kontestat il-fatt li hija kienet qiegħda hawn Malta b'mod illegali għaliex it-terminu tal-*visa* kien skada. Għal dak li kien jirrigwarda t-tielet aggravju, jissottomettu li l-Bord mhux qiegħed hemm sabiex jipprovdi għal xi rimedju *arbitrio boni viri* jew sabiex jirrimedja sitwazzjonijiet sfortunati. L-istess jissottomettu fir-rigward tat-talba li l-appellanta tagħmel lil din il-Qorti sabiex *"tipprovdi alternattivi biex tigi salvagwardjata l-posizzjoni legali tal-appellanta b'mod retroattiv u biex tkun tista' titħalla taplika għal permess ta' residenza ġewwa Malta".* Jirrilevaw li din il-Qorti għandha biss il-poter li tirrevedi d-deċiżjoni appellata, u m'għandhiex tarroga fuqha l-poteri tal-awtoritajiet.

11. Il-Qorti tgħid li l-Bord ma ddeċidiex sew u l-appell tal-appellanta huwa ġustifikat limitatament kif ser jingħad. Meta l-appellanta ppreżentat l-appell tagħha quddiem il-Bord fl-20 ta' April, 2020, hija kienet qiegħda tikkontesta d-deċiżjoni tal-Aġenzija appellata li *"the information submitted regarding the justification for the purpose and conditions of the intended stay was not reliable"* u in sostenn tal-pożizzjoni tagħha hija ssottomettiet id-dokumentazzjoni kollha relattiva. Il-Qorti tirrileva li l-prova dokumentarja tal-appellanta ma setgħet tħalli l-ebda dubju dwar il-veraċità u l-awtentiċità tal-applikazzjoni tagħha għal *visa* u l-Bord saħansitra osserva fid-deċiżjoni appellata, li l-Aġenzija appellata ma kinitx ikkontestat il-fatt li l-appellanta kellha l-intenzjoni li ssegwi kors ta' studju hawn Malta. Għalhekk il-Qorti tgħid

li l-Bord kien tenut li jilqa' l-appell tagħha, iżda minflok ċaħdu għar-raġuni li meta ngħatat id-deċiżjoni appellata l-kors tal-istudju kien spiċċa.

12. Il-Qorti tagħraf li mill-korrispondenza[2] tal-iskola fejn kienet ser tattendi l-appellanta, jirriżulta li l-kors kien jibda fil-24 ta' Jannar, 2020 u jispiċċa fil-3 ta' Ottubru, 2020. Dan filwaqt li l-appellanta ppreżentat l-appell tagħha quddiem il-Bord, kif diġà ġie osservat, fl-20 ta' April, 2020. Għalhekk fid-data tal-preżentata tal-appell tagħha, il-kors tal-istudju kien għadu ma ntemmx u l-Qorti tgħid li kien inġust għall-appellanta li l-Bord kellu jdum bosta xhur qabel ma wasal għad-deċiżjoni tiegħu, tant li l-kors laħaq intemm, u għal din ir-raġuni biss iddeċieda li jiċħad l-appell tagħha.

13. Il-Qorti tgħid li din id-deċiżjoni tal-Bord ma kinitx biss inġusta, iżda kienet ukoll waħda mhix tajba, għaliex il-Bord ma seta' qatt jiċħad l-appell tagħha meta l-appellanta kienet intavolat l-appell proprju fil-ħin opportun, xhur qabel it-tmiem tal-kors imsemmi. Għalhekk kien ikun aktar xieraq għall-Bord li jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-appell tagħha, fid-dawl taċ-ċirkostanzi ġodda tal-każ.

14. Għalhekk l-ewwel aggravju tal-appellanta huwa ġustifikat sa dan il-punt, imma l-Qorti tgħid l-istess ma jistax jingħad fir-rigward tas-sottomissjonijiet tal-appellanta dwar l-impossibilità tagħha llum li tissottometti applikazzjoni għal *visa* jew għal *work/residence permit* bħala riżultat tad-deċiżjoni appellata. Dan għaliex il-ħruġ tal-*visa* li hija applikat għaliha, ma kellhiex isservi sabiex tgħinha ssib impjieg hawn Malta, iżda kienet intiża sabiex tagħtiha l-

[2] *A fol.* 25 tal-proċess.

opportunità li ssegwi l-kors tal-istudju li hija kienet applikat u ħallset għalih. It-tieni aggravju tal-appellanta jkompli mill-ewwel wieħed u għalhekk huwa ġustifikat sa fejn hija tilmenta mid-dewmien tal-Bord sabiex jilħaq id-deċiżjoni tiegħu, sabiex b'hekk fil-frattemp laħaq intemm il-kors tal-istudju, u allura r-raġuni għaliex hija kienet applikat għal *visa* sfaxxat. Imma fejn l-appellanta tkompli tagħmel sottomissjonijiet ulterjuri li jirrigwardaw l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha kif protetti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea, il-Qorti tirrileva li hija m'għandhiex is-setgħa li tisma' u tiddeċiedi kwistjonijiet bħal dawn, li jistgħu jiġu kkonsidrati biss mill-qrati ta' kompetenza kostituzzjonali.

15. It-tielet aggravju tal-appellanta huwa li l-Bord naqas milli jikkonsidra l-pożizzjoni tagħha u ma pprovdiex rimedju għas-sitwazzjoni legali li sabet ruħha fiha intortament. Il-Qorti tgħid li hawn mhux ċar, aktar u aktar meta tqis dak li ngħad fid-deċiżjonijiet tal-Bord f'proċeduri oħrajn kif ċitati mill-appellanta, u li fil-fehma tal-Qorti huma irrilevanti għall-każ odjern, x'qiegħda tippretendi. Tirrileva li t-talba tagħha lill-Bord kienet għar-revoka tad-deċiżjoni tal-Aġenzija appellata u sabiex jipprovdi ukoll għal alternattivi sabiex tiġi salvagwardjata l-pożizzjoni legali tagħha b'effett retroattiv sabiex hija tkun tista' tapplika għal permess sabiex tirrisjedi hawn Malta. Jekk l-appellanta hawnhekk kienet effettivament qiegħda titlob sabiex il-Bord jordna lill-Aġenzija appellata tforni lill-appellanta bil-*visa* pretiża minnha, il-Qorti tgħid li l-Bord, kif sewwa tosserva l-Aġenzija appellata fir-risposta tagħha, m'għandux il-poter li jagħmel dan, filwaqt li terġa' ttenni għal darb'oħra li l-*visa* ma kellhiex isservi l-ebda għan ieħor għajr sabiex l-appellanta tkun tista' ssegwi l-kors tal-istudju tagħha

hawn Malta. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ma ssibx dan l-aggravju tal-appellanta ġustifikat u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tilqa' l-appell tal-appellanta limitatament għar-raġunijiet fuq imfissra u tħassar id-deċiżjoni appellata.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem il-Bord għandhom ikunu a karigu tal-Aġenzija appellata, li għandha wkoll tbati l-ispejjeż tagħha u tal-appellanta ta' dan l-appell, filwaqt li l-appellanta għandha tbati l-ispejjeż tal-Bord u tal-Avukat tal-Istat appellati tal-appell odjern.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**